# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 13 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 1106/2022 GM**

**Amici Projects Limited (C- 88103)**

**vs**

**LAM Projects & Turnkey Limited (C-89647)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat.

Rat ir-rikors tas-soċjeta` konvenuta tat-28 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti twaqqaf il-proċedimenti quddiemha a tenur tal-Art. 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-tweġiba tas-soċjeta` attriċi.

Rat illi t-talba hija għal danni minħabba allegat ksur ta' obbligazzjonijiet *ex contractu* f'kuntratt t'appalt indikat fit-tieni paragrafu tar-Rikors Guramentat bħala anness u mmarkat Dok A. Iżda fil-lista tad-dokumenti, Dok A huwa indikat bħala "Kuntratti" u mhux "kuntratt". Fil-fatt hemm esibiti kuntratt tal-13.03.2019 (żewġ kopji informi identiċi esibiti; il-kuntratt jidher li mhux esibit kollu imma biss sa fol 7) a fol 5, u ieħor tat-12 t'Awwissu 2019 a fol 18.

Rat li l-konvenuta issostni li hemm tliet kuntratti relatati mal-appalt *de quo*; dawk esibiti mill-attriċi kif ukoll ieħor datat 14.01.2019, minnha esibit a fol 33.

Rat li hemm klawżola arbitrali fil-kuntratt tal-14.01.2019 (klawżola 32) u oħra identika fil-kuntratt tat-12.08.2019 (klawżola 34) li tobbliga lill-partijiet jirreferu kull tilwima relatata mal-appalt ta' bejniethom għal arbitraġġ.

Tilqa' t-talbiet kif dedotti fir-rikors tas-soċjeta` konvenuta tat-28 ta' Diċembru 2022 u b'applikazzjoni tas-setgħat mogħtija lilha permezz tal-Art. 741(b) tal-Kap 12, tordna li l-atti ta' din il-kawża jiġu rimessi lit-Tribunal tal-Arbitraġġ.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dan il-provvediment jinġieb a konjizzjoni tad-Direttur u Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u kif ukoll taċ-Ċentru Dwar l-Arbitraġġ sabiex jagħmlu dak li titlob minnhom il-liġi.

Spejjeż ta' din id-deċiżjoni a kariku ta' Amici Projects Limited.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA